# FTIT NOTI FUQ XI LOGHOB U TAQBIL TAT-TFAL

GUIDO LANFRANCO

Hafna mill-logħob komuni ta' dari issa spiċċa, u meta jsir trid tkun eċċezzjoni. Hemm xi ftit skejjel, għaqdiet u individwi li għadhom iħajjru lit-tfal t'issa jerġgħu jilgħabu xi logħob ta' l-imgħoddi, iżda wkoll jekk dawn jirnexxilhom, fiċ-ċirkostanzi preżenti ma nergħux għalli konna.

Dawn il-ftit li ġejjin kollha kont nafhom fis snin tletin u erbgħin, iżda niżżilt magħhom referenzi għax dawn jikkonfermaw dak li kont naf, u wkoll juru li l-għeruq ma jkunux spiċċaw għal kollox

Meta t-tfal ipartu xi ħaġa bejniethom, biex ma jerġax jibdielu xi ħadd minnhom iridha lura, kienu jagħmlu bħal patt jew ftehim. Waqt dan il-ftehim kienu jgħidu: "Beżqa u xagħra!" waqt li wieħed jaqta' xagħara minn rasu, jqegħdha fl-art u l-ieħor jobżoq fuqha, għax "li mar ma jiġix!". (1)

Ġie li f'okkażjoni simili kienu jgħidu:
"Min jagħti ma jerġax jieħu, għax imur l-infern jaħraq siequ!"(2)

Mill-aktar komuni kienu il-logħob li l-kbar kienu jilgħabu mat-tfal żgħar u t-trabi, u minnhom hawn bosta varjanti. Infakkru xi ħaġa żgħira minnhom:

(a) Waqt li naqbdu idejn it-tarbija u nċapċpuhomlha flimkien:

Banni bannozzi / Ġejja z-Zija Nozzi
Ġejja bil-lejl / Biex taqtagħlek par widnejn

jew:

Banni bannozzi / Ġej il-papa' ġej
Bil pastizzi tal-ħabbtejn /
Kollox għal (*e.g.* Danjela) /

U l-(*e.g.* Denise) ma ntuha xejn. (3)

jew:

Banni bannozzi / Ġej il-papà ġej /
Kollox għal (*e.g. Steġhanie*) /
U 'l-mamà (*jew isem ieħor*) ma ntuha xejn.(4)

(b) Waqt li mmissu wieħed wara l-ieħor is-swaba miftuħin tat-tarbija:

Pizzi pizzi kanna / Dolores di Sant Anna,/
Sant Anna tal-Morin / Ġibli pezza pellegrin,/
(......) imiss il-fidda / u l-bandiera tal-ħarir,/
Dudu dudu tela' ma' saqajja,/ Ċiċċi bilqegħda,/
Mela *one, two, three.*/

u mat-*three* jinżlu l-isfel bilqegħda jew kokka.(5)

jew:

Pizzi pizzi kamillo' / Appajpija appajpo'/
Balla l-gaġġa ġiġġifo'. (6)

Pizzi pizzi kanna / Dolores di Sant Anna,/
Sant Anna tal-Morina / Tawni pezza pellegrina,/
Magħref tal-fidda / Bandiera tal-ħarir,/
Noli kannoli / Nsara qaddisin.(7)

Minflok "magħref tal-fidda" ġie li jgħidu "mogħża tal-fidda" jew "platt tal-fidda", u minflok "noli kannoli" "koni kannoli". (8)

(c) Xi ħadd kbir kien jikteb fuq biċċiet tal-karti, xi ordnijiet jew suġġerimenti ta' ċajtiet li jistgħu jagħmlu it-tfal. Dawn jitqegħdu ġo kaxxa, u min imissu itella' karta. Skond il-kitba ta' fuq il-karta, it-tfal kienu jobdu l-ordni, u kulħadd kien jieħu gost

jippartecipa.(9) Din kienu jsejħulha il-logħba "Tal-Ordnijiet"

(d) Ta' nteress speċjali nara il-logħba "Tal-Kastig". Tifel jew tifla kbira kienu jrikkbu xi tifel fuq il-ħoġor, jew joqgħod wiċċu l-isfel fuq il-ħoġor. It-tfal l-oħrajn kollha madwarhom. Il-kbira tgħid:

Ara ġejja l-mewt għalik / Biex tixwik u biex taqlik,/
Ara ġejja, ara ġejja, / Din id-daqqa min taħielek?

U hawn xi ħadd mid-dawra jagħti daqqa fuq dahar it-tifel mingħajr ma jkun jaf min. Jekk jaqta' min ikun taħielu, dak li jkun joqgħod minfloku. Jekk ma jaqtax, it-tifla l-kbira ttih kastig x'jagħmel, bħal ngħidu aħna jiġri sa ħajt u jirritorna, iġorr xi ġebla minn post għall-ieħor, jitla' u jinżel targa ta' bieb għaxar darbiet, ibus lill xi tifla, irikkeb lil xi ħadd wara daharu, eċċ.. Minflok "tixwik u taqlik" kienu jgħidu wkoll "biex tqaxxarlek mustaċċik" (10) Iżda l-interessanti hu li hemm min jgħid "Ara ġejja *x-xemx* għalik" minflok "ara ġejja l-*mewt* għalik".(11) Hija aktar raġonevoli u loġika li tgħid "ġejja x-xemx biex taqlik u tixwik" għax hekk ngħidu għall ħruq tagħha. Il-mewt tidħol f'xi varjanti oħra kif rajna. NIppreferi naħseb li fl-imgħoddi aktar kienu jsemmu x-xemx f'din il-logħba milli il-mewt. Nippreferi ukoll nuża ix-xemx bħala ptotagonista fit-taqbila milli il-mewt, għax fejn jidħlu t-tfal m'hemmx għalfejn indaħħlulhom dwejjaq u mewt fil-logħob tagħhom.

*Dawn il-konfermi ġbarthom mit-tweġibiet li tawni s-semmiegħa tal-programmi tiegħi fuq ir-radju RTK, bħala parti minn ieħor "Bejnietna" preżentat minn Susan Mulvaney. Uħud minnhom ma tawx isimhom jew fejn joqogħdu.*

(1) 15-VI-93, raġel minn Ħaż-Żabbar. (2) 15-VI-93, mara anzjana minn B'kara. (3) 29-XII-93, mara anzjana. (4) 29-XII-93 Mara ta' 31 sena. (5) 29-XII-93 mara anzjana.(6) 30-VIII-95 Frans Farrugia, Għaxaq. (7) 29-XII-93 raġel anzjan. (8) 30-VIII-95 mara. (9) 29-XII-93 mara anzjana. (10) 30-VIII-95 Mara 63 sena. (11) 5-I-94 Mara minn Għajnsielem.